II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2215

**tat-30 ta' Novembru 2017**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([2]) stabbilixxa l-lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni, imsemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(2) F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, ċerti Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("EASA") għaddew l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-aġġornament ta' dik il-lista. L-informazzjoni rilevanti ġiet ikkomunikata wkoll minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata abbażi ta' dik l-informazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lill-kumpaniji tal-ajru kollha kkonċernati direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi għal deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li temenda l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq kumpanija tal-ajru li tkun inkluża fil-lista.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lill-kumpaniji tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti fornuti mill-Istati Membri, biex jissottomettu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([3]) (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru").

(5) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fi ħdan il-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 ([4]), mal-awtoritajiet kompetenti u mal-kumpaniji tal-ajru tal-Guinea Ekwatorjali, tan-Nepal,

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

tan-Niġerja, ta' Saint Vincent u l-Grenadini, tat-Tajlandja, tal-Ukrajna u tal-Venezwela. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll informazzjoni lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Afganistan, fil-Bolivja, fl-Indja, fl-Indoneżja, fl-Iraq, fil-Każakistan, fil-Libja, fil-Moldova, fil-Mozambique u fiż-Żambja u dwar il-konsultazzjonijiet tekniċi mar-Russja.

(6) L-EASA ppreżentat ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti tal-verifika li twettqu mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO") fil-qafas tal-Programm ta' Spezzjoni Universali għas-Sorveljanza tas-Sikurezza tal-ICAO lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Arju. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri ġew mistiedna biex jagħtu prijorità lill-ispezzjonijiet fir-rampa ta' kumpaniji tal-ajru ċċertifikati minn pajjiżi terzi li għalihom l-ICAO identifikat Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza jew li fir-rigward tagħhom l-EASA kkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza. Minbarra l-konsultazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa se tippermetti l-akkwist ta' aktar informazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru li ngħataw il-liċenzja f'dawk il-pajjiżi terzi.

(7) L-EASA infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu skont il-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA") f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([1]).

(8) Barra minn hekk, l-EASA infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li twettqu f'pajjiżi terzi milquta minn miżuri jew monitoraġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. L-Aġenzija pprovdiet informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal aktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex titjieb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili, bil-għan li jiġu solvuti n-nuqqasijiet ta' konformità mal-istandards applikabbli tal-avjazzjoni ċivili internazzjonali. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal talbiet bħal dawn fuq bażi bilaterali b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA. Dwar dan, il-Kummissjoni tenniet is-siwi tal-għoti ta' informazzjoni lill-komunità tal-avjazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-bażi tad-dejta tas-"Safety Collaborative Assistance Network" ("SCAN") tal-ICAO, dwar l-assistenza teknika li jagħtu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex titjieb is-sikurezza tal-avjazzjoni madwar id-dinja.

(9) Il-Eurocontrol aġġorna lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-qagħda tal-funzjoni ta' twissija tal-SAFA u pprovda l-istatistika attwali għall-messaġġi ta' twissija għal kumpaniji tal-ajru pprojbiti.

**Il-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni**

(10) Wara l-analiżi mill-EASA tal-informazzjoni li ħarġet minn spezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq inġenji tal-ajru ta' kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni u minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-EASA, kif ukoll minn spezzjonijiet u verifiki speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri ħadu ċerti miżuri ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar dawk il-miżuri.

(11) L-Istati Membri tennew li kienu lesti jaġixxu kif meħtieġ jekk xi informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tal-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni mal-istandards xierqa tas-sikurezza.

**Trasportaturi tal-ajru mill-Guinea Ekwatorjali**

(12) Fis-7 ta' Ġunju 2017, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-EASA ltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Autoridad Aeronautica de Guinea Ecuatorial ("AAGE"). L-iskop ta' dik il-laqgħa kien li jissoktaw il-konsultazzjonijiet mill-aħħar laqgħa fl-2013. L-AAGE infurmat lill-Kummissjoni u lill-EASA dwar l-azzjonijiet meħuda biex titjieb il-konformità mar-rekwiżiti tal-ICAO għal sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza u enfasizzat ukoll l-isforzi politiċi biex jiġu implimentati r-riformi.

(13) Waqt il-laqgħa tas-7 ta' Ġunju 2017, l-AAGE rrikonoxxiet li, fil-passat, il-kumpaniji tal-ajru mill-Guinea Ekwatorjali ma kinux ġew iċċertifikati skont ir-rekwiżiti tal-ICAO. Għal dik ir-raġuni, l-AAGE rrevokat iċ-ċertifikati ta' diversi kumpaniji tal-ajru ċċertifikati f'dan il-pajjiż u pproċediet bil-proċess il-ġdid ta' ħames fażijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji tal-ajru li għad baqa'. L-AAGE tat ukoll informazzjoni dwar l-ippjanar u r-reklutaġġ tal-persunal, ir-reġistru tal-inġenji tal-ajru, il-programm ta' riċertifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru u l-programm ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħha.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 296, (25.10.2012, p. 1).

(14) Kif ġie osservat fil-kuntest tal-verifika tal-ICAO fi Frar 2017, l-AAGE kisbet rata ta' implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza ta' 62,5 % minn madwar 10 % fil-passat.

(15) Mis-16 sal-20 ta' Ottubru 2017, fil-Guinea Ekwatorjali saret żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni. F'dik iż-żjara ħadu sehem esperti mill-Kummissjoni, mill-EASA u mill-Istati Membri. Waqt dik iż-żjara, ġie vvalutat ix-xogħol li tagħmel l-AAGE, li kien ivverifikat permezz ta' żewġ żjarat liż-żewġ kumpaniji tal-ajru attivi fil-Guinea Ekwatorjali. Instab li l-istruttura organizzattiva tal-AAGE, li hija awtorità tal-avjazzjoni ċivili awtonoma u indipendenti li ġiet stabbilita reċentement u li bdiet twettaq l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħha fl-2012, hija xierqa għal-livell ta' attivitajiet tal-avjazzjoni fil-Guinea Ekwatorjali. Instab ukoll li l-oqsma kollha tal-avjazzjoni ċivili huma koperti mill-AAGE u li din għandha l-baġit u r-riżorsi tagħha stess. Madankollu, ġie osservat li l-AAGE teħtieġ spetturi kkwalifikati kif xieraq, speċjalment fil-qasam tal-operazzjonijiet tat-titjir u anke fir-rigward tat-trasport kummerċjali bl-ajru, sabiex twettaq is-sorveljanza tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Guinea Ekwatorjali sewwa u b'mod effettiv.

(16) Iż-żjara wriet li fil-Guinea Ekwatorjali ġiet stabbilita sistema regolatorja komprensiva. L-AAGE qed taħdem fuq aġġornament tar-regolamenti biex tibqa' f'konformità mal-aħħar żviluppi fl-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni. Madankollu, l-AAGE sserraħ ħafna fuq iċ-ċertifikati, il-liċenzji u l-awtorizzazzjonijiet li jkunu ħarġu awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħrajn, mingħajr ma tivverifika hi stess, filwaqt li l-verifika minnha stess hija parti essenjzali mill-kompiti tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-AAGE. Għaldaqstant, dan il-proċess ta' verifika jenħtieġ li jiġi inkluż fil-proċeduri tal-AAGE u jiġi implimentat b'mod xieraq.

(17) Waqt iż-żjara, l-AAGE wriet li bħalissa hemm biss żewġ kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Guinea Ekwatorjali, jiġifieri *CEIBA Intercontinental* u *Cronos Airlines*. Iċ-ċertifikati ta' operatur tal-ajru għall-kumpaniji tal-ajru *Punto Azul* u *Tango Airways* ġew revokati.

(18) Matul iż-żjara lil *CEIBA Intercontinental*, bħala parti miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni, ġie osservat li din għadha topera b'ċertifikat tal-operatur tal-ajru antik u waslet biss sat-tieni fażi tal-proċedura kontemporanja b'ħames fażijiet taċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tal-ajru. Bħalissa *Ceiba Intercontinental* qed isirulha ħafna tibdiliet li qed iwasslu għal nuqqas ta' aġġornamenti u approvazzjonijiet tal-manwali essenzjali tal-operazzjoni tat-titjir u tal-manutenzjoni u dokumentazzjoni oħra. Barra minn hekk, dawn il-manwali u din id-dokumentazzjoni għadhom mhumiex addattati għall-operazzjonijiet u għall-inġenji tal-ajru tal-kumpanija tal-ajru. Is-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza tagħha qed tiġi żviluppata u l-kumpanija tal-ajru għadha ma inkorporatx analiżi tar-riskju xierqa. Il-politiki tas-sikurezza tagħha huma mfassla u stabbiliti iżda mhumiex ikkomunikati b'mod ċar u wiesa' fl-organizzazzjoni tagħha. Is-sistema tal-kwalità tagħha teħtieġ ukoll aktar żviluppi.

(19) Iż-żjara lill-kumpanija tal-ajru *Cronos Airlines* wriet li hija konxja mir-regolamenti applikabbli fil-Guinea Ekwatorjali u li qed tagħmel sforzi biex timplimenta dawk l-istandards tal-avjazzjoni. Hija għaddiet b'suċċess il-proċedura kontemporanja b'ħames fażijiet taċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tal-ajru. Iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru tagħha ġie mġedded f'Jannar 2017. Madankollu, ġie osservat li bosta manwali ma kinux ġew addattati għall-operazzjonijiet attwali tagħha u li s-sistema tal-kwalità tagħha għad mhix żviluppata biżżejjed. Barra minn hekk, instab li s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza ta' *Cronos Airlines* għadha qed tiġi żviluppata u bħalissa tinsab fit-tieni fażi mill-erba' fażijiet tal-implimentazzjoni ta' sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza. Il-politiki tas-sikurezza ġew abbozzati u stabbiliti u huma wkoll ikkomunikati b'mod ċar u wiesa' fl-organizzazzjoni. Hija daħlet b'mod volontarju fi programm ta' monitoraġġ tad-dejta għall-inġenji tal-ajru tagħha.

(20) L-AGEE, *CEIBA Intercontinental* u *Cronos Airlines* ngħataw l-opportunità ta' smigħ fl-14 ta' Novembru 2017 quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Waqt dik is-seduta ta' smigħ, ir-rappreżentant tal-gvern tal-Guinea Ekwatorjali esprima l-impenn qawwi mill-gvern biex ittejjeb aktar is-sikurezza tat-trasport tal-ajru fil-Guinea Ekwatorjali sabiex ikun hemm konnettività domestika u reġjonali tajba. Waqt is-seduta ta' smigħ, l-AAGE tat informazzjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi li huma stabbiliti sabiex isolvu l-osservazzjonijiet li tqajmu waqt iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni. L-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet korrettivi tal-AAGE hija stmata għal sena.

(21) L-informazzjoni pprovduta minn *CEIBA Intercontinental* matul is-seduta ta' smigħ dwar il-pjan ta' azzjoni korrettiva għar-riżoluzzjoni tal-osservazzjonijiet li tqajmu waqt iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni ma wrietx li l-kumpanija tal-ajru kienet wettqet analiżi tal-kawżi ewlenin u indikat li ġew implementati biss azzjonijiet korrettivi immedjati, mingħajr miżuri preventivi fit-tul.

(22) Fir-rigward ta' *Cronos Airlines,* matul is-seduta ta' smigħ hija pprovdiet informazzjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi sabiex jiġu indirizzati l-osservazzjonijiet li tqajmu waqt iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni, u indikat li kienet wettqet analiżi tal-kawżi ewlenin u li ħadet azzjonijiet korrettivi immedjati kif ukoll azzjonijiet biex jipprevjenu r-rikorrenza tal-kwistjonijiet identifikati.

(23) Fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni u l-informazzjoni pprovduta matul is-seduta ta' smigħ fl-14 ta' Novembru 2017, tqies li, filwaqt li l-AAGE kienet għamlet titjib konsiderevoli fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza fil-Guinea Ekwatorjali, kien għad hemm nuqqasijiet importanti fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza fil-Guinea Ekwatorjali. Ġie vvalutat li l-AAGE għad ma għandhiex il-kapaċità li taqdi bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tas-sorveljanza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Guinea Ekwatorjali. Dan joħroġ mill-fatt li l-kumpaniji tal-ajru huma ċċertifikati u s-sorveljanza tas-sikurezza titwettaq mingħajr l-ispetturi li jkollhom il-kwalifiki xierqa meħtieġa u mill-fatt li għadd ta' osservazzjonijiet li tqajmu matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni ma kinux ġew identifikati mill-AAGE stess matul l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u sorveljanza tagħha. Għalhekk, ma hemmx biżżejjed evidenza bħalissa biex tappoġġa deċiżjoni dwar annullament jew emenda tal-projbizzjoni fuq l-operat tal-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati fil-Guinea Ekwatorjali. Madankollu, billi ċ-ċertifikati tal-operaturi tal-ajru tagħhom ġew irrevokati, jenħtieġ li *Punto Azul* u *Tango Airways* jitneħħew mil-lista ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal restrizzjonijiet operattivi.

(24) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li jenħtieġ li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni tiġi emendata biex jitneħħew il-kumpaniji tal-ajru *Punto Azul* u *Tango Airways* mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

**Kumpaniji tal-ajru min-Nepal**

(25) Fil-5 ta' Marzu 2017, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tan-Nepal ("CAAN") kitbet ittra lill-Kummissjoni fejn inkludiet l-informazzjoni dwar l-istatus attwali tas-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza fin-Nepal. Wara ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid fl-2015 tal-kumpaniji tal-ajru kollha fin-Nepal, is-CAAN rrepetiet dan l-eżerċizzju fl-2016 bl-għajnuna tal-ICAO, sabiex tivvalida mill-ġdid iċ-ċertifikati tal-operaturi tal-ajru għal darba'oħra.

(26) Fit-13 ta' Marzu 2017, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tan-Nepal bagħat lid-Delegazzjoni tal-Unjoni f'Kathmandu, in-Nepal, dokumentazzjoni addizjonali li ddeskriviet il-progress u inkludiet estratt mir-rapport tal-missjoni tat-Tim ta' Azzjoni Kombinata tal-ICAO lin-Nepal. Fl-oqsma tal-operazzjonijiet u tal-ajrunavigabbiltà, it-Tim ta' Azzjoni Kombinata tal-ICAO għamel għadd ta' osservazzjonijiet. Dawk l-osservazzjonijiet irrepetew osservazzjonijiet li saru waqt iż-żjarat preċedenti, inkluż iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fi Frar 2014 u missjoni ta' assistenza teknika tal-Unjoni f'Ottubru 2015. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni fl-4 ta' Lulju 2017 talbet informazzjoni addizzjonali mingħand is-CAAN.

(27) L-ICAO wettqet Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO fin-Nepal mill-4 sal-11 ta' Lulju 2017. Abbażi tar-riżultati ta' din il-missjoni, l-ICAO fis-27 ta' Lulju 2017 ħabbret li t-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji tal-ajru ġie solvut mill-awtoritajiet kompetenti tan-Nepal.

(28) Fit-3 ta' Awwissu 2017, is-CAAN ipprovdiet l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni. Din ipprovdiet, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar id-detenturi ta' ċertifikati ta' operatur tal-ajru, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza, l-inġenji tal-ajru rreġistrati fin-Nepal, aċċidenti u inċidenti serji, l-azzjonijiet ta' infurzar, l-organizzazzjoni u r-regolamenti u l-attivitajiet ta' assistenza teknika fin-Nepal. Madankollu, is-CAAN ma tatx segwitu għar-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti ppubblikati dwar l-investigazzjonijiet tal-aċċidenti.

(29) Fis-7 ta' Novembru 2017, is-CAAN ipprovdiet ir-rapport finali tal-Missjoni ta' Validazzjoni Kkoordinata tal-ICAO mill-4 sal-11 ta' Lulju 2017, u indikat żieda fir-rata ta' implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni għal 66 %. Madankollu, ir-rapport juri wkoll li hemm bżonn ta' titjib ulterjuri fir-rigward tal-persunal tekniku kkwalifikat u tar-riżoluzzjoni tat-tħassib dwar is-sikurezza. Il-qasam tal-liċenzjar tal-persunal ta' ekwipaġġ tat-titjira ma kienx rivedut mill-ICAO, filwaqt li dak il-qasam kien wieħed mit-tħassib wara ż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni fi Frar 2014.

(30) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, jidher li għalkemm is-CAAN għamlet ċertu grad ta' progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tal-avjazzjoni, is-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza tan-Nepal għadha mhix biżżejjed. Dan jidher ukoll mill-fatt li hemm nuqqas ta' azzjoni effettiva bħala segwitu għal aċċidenti, inkluż aċċidenti fatali li seħħew fis-snin riċenti sabiex ma jerġgħux iseħħu.

(31) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għall-għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru min-Nepal.

**Il-kumpaniji tal-ajru min-Niġerja**

(32) Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EASA, qed tkompli tissorvelja mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fin-Niġerja. Fl-ittri tagħha tal-15 ta' Mejju u tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni enfassizat il-ħtieġa li l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tan-Niġerja ("NCAA") issegwi mill-qrib kwalunkwe applikazzjonijiet li jagħmlu l-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fin-Niġerja għal awtorizzazzjonijiet mill-EASA ta' Operatur ta' Pajjiż Terz ("TCO").

(33) B'ittra tat-30 ta' Mejju 2017, l-NCAA infurmat lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li twettaq verifika estensiva tal-operazzjonijiet tal-kumpanija tal-ajru *Med-View Airline*, irreġistrata fin-Niġerja, kif ukoll l-azzjonijiet li l-NCAA adottat fir-rigward ta' kumpaniji oħra tal-ajru.

(34) B'ittra tal-10 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni enfasizzat li dawn l-attivitajiet mhumiex biżżejjed fid-dawl tar-rekwiżiti applikabbli u tat-tkabbir mistenni mill-attivitajiet tal-avjazzjoni fin-Niġerja. Hija informat l-NCAA li nfetħu konsultazzjonijiet, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(35) Fit-30 ta' Ottubru 2017, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-EASA ltaqgħu ma' rappreżentanti għolja tal-NCAA għal laqgħa konsultattiva teknika. L-iskop ta' dik il-laqgħa kien biex l-NCAA tispjega l-miżuri korrettivi u preventivi li ttieħdu mill-NCAA fir-rigward tal-*Med-View Airline*, u l-kumpaniji tal-ajru l-oħra ċċertifikati fin-Niġerja. Il-preżentazzjoni tal-NCAA matul dik il-laqgħa ġiet appoġġata minn evidenza li turi ċertu titjib fis-superviżjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru li huma responsabbli għalihom l-awtoritajiet Niġerjani skont ir-regolamenti internazzjonali applikabbli.

(36) Matul il-laqgħa, l-NCAA infurmat lill-Kummissjoni u l-EASA dwar l-azzjonijiet meħuda biex titjieb il-konformità mar-rekwiżiti tal-ICAO għal sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza. Tat ukoll informazzjoni dwar il-verifika mwettqa fuq *Med-View Airline*, u fuq kumpaniji oħra tal-ajru rreġistrati fin-Niġerja, jiġifieri *Arik Air*, *Air Peace* u *Kabo Air*, kif ukoll fuq l-għadd tal-persunal tal-NCAA, it-taħriġ u l-kwalifiki tal-ispetturi tagħha u l-programm ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħha. L-NCAA stabbiliet u implimentat programm ta' sorveljanza tal-operazzjonijiet tat-titjir u tal-ajrunavigabbiltà biex tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti. In-Niġerja qiegħda fil-proċess li timplimenta Programm għas-Sikurezza tal-Istat tagħha u qed tippjana biex twettaq l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu sa tmiem l-2018.

(37) L-informazzjoni li hemm disponibbli attwalment, inkluż l-informazzjoni ppreżentata mill-NCAA, fil-laqgħa tat-30 ta' Ottubru 2017, tagħti indikazzjonijiet li t-titjib fis-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza fin-Niġerja jinsabu għaddejjin. Tabilħaqq, jidher ċar li dan it-titjib għadu ta' importanza ewlenija. Dan huwa b'mod partikolari l-każ f'dak li jirrigwarda l-għarfien tal-NCAA tal-attivitajiet ippjanati tal-kumpaniji tal-ajru taħt is-superviżjoni tagħha, kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tal-programm tas-sorveljanza tas-sikurezza tagħha, inkluż il-ġestjoni tas-sejbiet. Fl-1 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stiednet lill-NCAA biex jiskoraġġixxu lill-operaturi tal-ajru Niġerjani milli japplikaw għal awtorizzazzjoni TCO mill-EASA sakemm ikunu kompletament kunfidenti li dawn l-operaturi jikkonformaw mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni applikabbli.

(38) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru min-Niġerja.

(39) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-standards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Il-kumpaniji tal-ajru mir-Russja**

(40) Il-Kummissjoni, l-EASA u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għadhom jissorveljaw mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fir-Russja u li joperaw fl-Unjoni, inkluż permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq ċerti kumpaniji tal-ajru Russi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(41) Fl-20 ta' Ottubru 2017, rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-EASA ltaqgħu mar-rappreżentanti tal-Aġenzija Federali tat-Trasport tal-Ajru Russa ("FATA"). L-għan tal-laqgħa kien li jsir rieżami tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fir-Russja abbażi tar-rapporti tal-ispezzjonijiet fir-rampa għall-perjodu bejn is-6 ta' Ottubru 2016 u l-5 ta' Ottubru 2017 u li jiġu identifikati l-każijiet fejn l-attivitajiet ta' sorveljanza mill-FATA jistgħu jiġu msaħħa.

(42) Waqt dik il-laqgħa, il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA ta' erba' kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fir-Russja f'iktar dettall. Filwaqt li l-ebda tħassib dwar is-sikurezza ma ġie identifikat, il-FATA infurmat lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tagħha ta' sorveljanza tas-sikurezza ta' dawk il-kumpaniji tal-ajru.

(43) Fuq il-bażi tal-informazzjoni attwalment disponibbli, inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-FATA fil-laqgħa ta' konsultazzjoni teknika tal-20 ta' Ottubru 2017, jitqies li m'hemm l-ebda nuqqas ta' kapaċità jew rieda min-naħa tal-FATA biex tindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kinitx meħtieġa seduta ta' smigħ quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni Russi jew ta' kwalunkwe kumpanija tal-ajru ċċertifikata fir-Russja.

(44) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju, m'hemmx raġunijiet biex temenda l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex tinkludi l-kumpaniji tal-ajru mir-Russja.

(45) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tal-kumpaniji tal-ajru tar-Russja mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni, permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(46) Jekk dawk l-ispezzjonijiet jindikaw riskju imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards rilevanti tas-sikurezza, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni kontra l-kumpaniji tal-ajru mir-Russja, skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Kumpaniji tal-ajru minn Saint Vincent u l-Grenadini**

(47) Fit-2 ta' Frar 2017, il-kumpanija tal-ajru *Mustique Airways*, iċċertifikata f'Saint Vincent u l-Grenadini, applikat mill-ġdid għal awtorizzazzjoni ta' TCO mal-EASA. Din l-applikazzjoni mill-ġdid segwiet applikazzjoni oħra qabel għal awtorizzazzjoni ta' TCO mill-EASA li kienet miċħuda għal raġunijiet ta' sikurezza. L-EASA vvalutat din l-applikazzjoni l-ġdida f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 ([1]).

(48) Il-pjanijiet ta' azzjoni korrettivi li jindirizzaw is-sejbiet tal-EASA f'rabta mal-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni tat-TCO għall-*Mustique Airways* instabu aċċettabbli mill-EASA u ġie deċiż li titkompla l-valutazzjoni tal-applikazzjoni sakemm jingħalqu s-sejbiet kollha. Fil-11 ta' Settembru 2017, l-EASA infurmat lill-Kummissjoni dwar l-għeluq tal-aħħar waħda mis-sejbiet imsemmija u dwar il-fatt li, għaldaqstant, l-EASA se tkun f'pożizzjoni li toħroġ l-awtorizzazzjoni li kieku l-kumpanija tal-ajru titneħħa mil-Lista tas-Sikurezza tal-Ajru.

(49) Fid-dawl ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni stiednet lill-*Mustique Airways* għal seduta ta' smigħ biex *Mustique Airways* tkun tista' tippreżenta l-azzjonijiet korrettivi implimentati u tipprovdi informazzjoni dwar il-miżuri li ħadet sabiex jiġi evitat li n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati mill-EASA waqt il-valutazzjoni tal-awtorizzazzjoni tat-TCO tagħha jerġgħu jitfaċċaw. Fl-14 ta' Novembru 2017, *Mustique Airways* ippreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru b'dawn l-azzjonijiet korrettivi. Dawn jikkonsistu f'bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza, appoġġata minn għodda ġdida bbażata fuq l-Internet u politika ġdida tas-sikurezza, sabiex *Mustique Airways* tindirizza l-kawżi ewlenin tan-nuqqasijiet u ma tħallix li jerġgħu jitfaċċaw.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12).

(50) Matul is-seduta ta' smigħ, *Mustique Airways* ipprovdiet ukoll informazzjoni dwar għadd ta' miżuri li ħadet biex timplimenta kultura tas-sikurezza tal-avjazzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni tagħha. Dawk il-miżuri jinkludu laqgħat regolari tas-sikurezza fil-livell tal-amministrazzjoni u fil-livell tal-persunal sabiex *Mustique Airways* iżżid il-livell ta' sensibilizzazzjoni tal-persunal tagħha u ttejjeb il-livell ta' rappurtar tal-okkorrenzi tas-sikurezza.

(51) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli bħalissa, inklużi fil-valutazzjoni mwettqa mill-EASA u tal-informazzjoni pprovduta waqt is-seduta ta' smigħ, jenħtieġ li jiġi konkluż li *Mustique Airways* indirizzat in-nuqqasijiet ta' sikurezza identifikati u li *Mustique Airways* hija kapaċi tindirizza n-nuqqasijiet ta' sikurezza li jistgħu jinqalgħu.

(52) Għaldaqstant, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, hu vvalutat li jenħtieġ li tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni operattiva fl-Unjoni biex il-kumpanija tal-ajru *Mustique Airways* titneħħa mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(53) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru fuq il-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati f'Saint Vincent u l-Grenadini skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(54) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Il-kumpaniji tal-ajru mit-Tajlandja**

(55) Mill-20 sas-27 ta' Settembru 2017, l-ICAO wettqet Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata fit-Tajlandja sabiex jiġu riveduti l-kwistjonijiet tal-protokoll li kienu l-bażi ta' Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza fit-Tajlandja. L-azzjonijiet korrettivi meħuda mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tat-Tajlandja ("CAAT") instabu li kienu biżżejjed biex isolvu l-każijiet ta' Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza u r-rata ta' implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni żdiedet għal madwar 41 %. Madankollu, għadha għaddejja ħidma biex tkompli żżid ir-rata ta' implimentazzjoni effettiva u s-CAAT qed tistenna li fl-2018 titwettaq Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO, li tkopri l-oqsma kollha ta' sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili.

(56) Is-CAAT kienet mistiedna għal seduta ta' smigħ fit-13 ta' Novembru 2017 sabiex tipprovdi aġġornament lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu biex titjieb is-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fit-Tajlandja.

(57) Matul is-seduta ta' smigħ, is-CAAT ipprovdiet informazzjoni dwar id-daqs u l-attivitajiet tal-industrija tal-avjazzjoni ċivili fit-Tajlandja u dwar ir-riżultati tal-Missjoni ta' Validazzjoni Kkoordinata tal-ICAO, inkluż il-fatt li t-Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza kien ġie solvut. Is-CAAT rrappurtat ukoll dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan tas-sostenibbiltà, li jinkludi ħidma dwar pjan strateġiku għall-futur qrib, l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni u tar-regolamenti, l-organizzazzjoni u l-persunal tal-awtorità, il-finanzjament tal-attivitajiet tal-awtorità u s-sistemi tal-IT li s-CAAT se tapplika biex tappoġġa l-attivitajiet tagħha. Tat ukoll informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħha fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru fit-Tajlandja. Il-Kummissjoni ħeġġet lis-CAAT biex tkompli bl-implimentazzjoni tal-ħidma tagħha biex tiżgura s-sostenibbiltà tat-titjib fis-sikurezza tal-avjazzjoni fit-Tajlandja.

(58) L-informazzjoni disponibbli wriet li s-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza fit-Tajlandja tjiebet. B'mod partikolari, is-CAAT ipprovdiet evidenza li sar progress f'din l-aħħar sena. L-informazzjoni disponibbli bħalissa dwar il-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fit-Tajlandja ma tappoġġax deċiżjoni li jiġu imposti projbizzjoni jew restrizzjonijiet operattivi fuq dawk il-kumpaniji tal-ajru.

(59) Sabiex tiġi ssorveljata mill-qrib is-sitwazzjoni, se jibqgħu jsiru konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet tat-Tajlandja b'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(60) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju ma hemmx raġunijiet biex tiġi emendata l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru mit-Tajlandja.

(61) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fit-Tajlandja, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(62) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-standards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Ukrajna**

(63) Fid-19 ta' April 2017, il-kumpanija tal-ajru *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, iċċertifikata fl-Ukrajna, applikat mill-ġdid għal awtorizzazzjoni ta' TCO mal-EASA. Wara li l-ewwel applikazzjoni tagħha għal awtorizzazzjoni ta' TCO ġiet miċħuda mill-EASA minħabba raġunijiet ta' sikurezza, l-EASA vvalutat din l-applikazzjoni l-ġdida skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 452/2014.

(64) F'dan il-kuntest, fit-28 u d-29 ta' Ġunju 2017, l-EASA wettqet verifika fuq il-post fil-kwartieri ġenerali tal-faċilitajiet ta' *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*. Filwaqt li l-verifika ppermettiet li jingħalqu s-sejbiet kollha identifikati matul il-valutazzjoni tal-ewwel applikazzjoni, ġew identifikati ħames sejbiet ġodda marbuta partikolarment mal-ajrunavigabbiltà. Sussegwentement, *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, bagħtet pjan ta' azzjoni korrettiva b'rispons għal dawk is-sejbiet lill-EASA. Fuq il-bażi ta' dan il-pjan ta' azzjoni korrettiva, is-sejbiet kollha ngħalqu fl-4 ta' Ottubru 2017 bis-sodisfazzjoni sħiħ tal-EASA. L-EASA infurmat lill-Kummissjoni dwar dan u dwar il-fatt li, għaldaqstant, l-EASA se tkun f'pożizzjoni li toħroġ l-awtorizzazzjoni li kieku l-kumpanija tal-ajru titneħħa mil-Lista tas-Sikurezza tal-Ajru.

(65) Fuq dik il-bażi, *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, ġiet mistiedna għal seduta ta' smigħ quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru, li saret fit-13 ta' Novembru 2017. Matul dik is-seduta ta' smigħ, hija pprovdiet informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva żviluppat bħala reazzjoni għas-sejbiet tal-EASA waqt il-verifika fuq il-post ta' Ġunju 2017. Spjegat ukoll li ġie introdott tibdil ewlieni fl-organizzazzjoni u l-proċeduri tagħha sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħha li tikkonforma mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni. Bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' dawn il-miżuri u biex ikun hemm kontroll effettiv tal-attivitajiet tagħha, *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, irristrutturat ukoll is-sistema interna tal-kwalità tagħha.

(66) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli bħalissa, inkluża l-valutazzjoni mwettqa mill-EASA u l-informazzjoni pprovduta waqt is-seduta ta' smigħ, jenħtieġ li jiġi konkluż li *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, indirizzat in-nuqqasijiet ta' sikurezza identifikati u li *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"*, hija kapaċi tindirizza n-nuqqasijiet ta' sikurezza li jistgħu jinqalgħu.

(67) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni tiġi emendata biex il-kumpanija tal-ajru *International Joint-Stock Aviation Company "URGA"* titneħħa mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(68) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fl-Ukrajna, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(69) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-standards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**Il-kumpaniji tal-ajru mill-Venezwela**

(70) Fis-6 ta' Marzu 2017, il-kumpanija tal-ajru *Avior Airlines*, iċċertifikata fil-Venezwela, applikat għand l-EASA għal awtorizzazzjoni ta' TCO. L-EASA vvalutat dik l-applikazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 452/2014.

(71) Filwaqt li wettqet il-valutazzjoni tas-sikurezza tagħha għal TCO ta' *Avior Airlines*, l-EASA esprimiet thassib dwar il-fatt li *Avior Airlines* naqset milli turi konformità mar-rekwiżiti applikabbli. Għaldaqstant, l-EASA kkonkludiet li aktar valutazzjonijiet mhux se jwasslu għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tat-TCO lil *Avior Airlines* u li din il-kumpanija tal-ajru ma ssodisfatx ir-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 452/2014. Għalhekk, fl-4 ta' Ottubru 2017, l-EASA rrifjutat l-applikazzjoni ta' TCO lil *Avior Airlines* minħabba raġunijiet ta' sikurezza.

(72) Fl-10 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Venezwela ("INAV") dwar il-miżuri li ttieħdu wara ċ-ċaħda tal-applikazzjoni ta' TCO għal *Avior Airlines* mill-EASA. Dik l-ittra kienet tirrappreżenta l-ftuħ tal-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet li jieħdu ħsieb is-sorveljanza regolatorja tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Venezwela, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006. Billi t-tħassib dwar is-sikurezza tal-*Avior Airlines*, ma ġiex solvut, mill-valutazzjoni ta' sikurezza ta' TCO mill-EASA, kemm l-INAC u kemm l-*Avior Airlines* ingħataw l-opportunità ta' smigħ quddiem il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(73) Fit-13 ta' Novembru 2017, l-INAC ipprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Venezwela f'dawn l-aħħar snin kif ukoll deskrizzjoni tas-sorveljanza mwettqa fir-rigward tal-kumpanija tal-ajru *AVIOR Airlines*.

(74) Matul is-seduta ta' smigħ tal-14 ta' Novembru 2017, l-INAC ipprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru informazzjoni dwar l-istruttura, il-funzjonijiet, il-kompetenzi u r-riżorsi tagħha, l-għadd ta' aċċidenti u inċidenti tal-avjazzjoni, l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni, l-istatus skont il-programm tal-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni tal-FAA u l-għadd u t-tip ta' organizzazzjonijiet li hija tissorvelja. Spjegat ukoll il-proċess tas-superviżjoni tagħha u tat ir-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza li wettqet fuq *Avior Airlines* f'dawn l-aħħar snin. L-INAC indikat li kienet żiedet l-għadd ta' spezzjonijiet fuq *Avior Airlines*, billi dik il-kumpanija tal-ajru kienet kabbret il-flotta tagħha. Dan irriżulta fl-identifikazzjoni ta' għadd konsiderevoli ta' nuqqasijiet fis-sikurezza min-naħa ta' *Avior Airlines*, partikolarment fl-oqsma tat-taħriġ tal-persunal, il-ġestjoni tal-bidliet u s-sistema tal-kontroll tad-dokumenti.

(75) L-INAC indikat li mhijiex konxja mis-sejbiet li ġew mgħarrfa lilha fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru ċċertifikati fil-Venezwela waqt spezzjonijiet fir-rampa mill-Istati Membri u esprimiet l-intenzjoni tagħha li taħdem mal-EASA sabiex l-INAC tiżgura li jittieħdu passi ta' segwitu għal dawn is-sejbiet.

(76) L-informazzjoni pprovduta tindika li jenħtieġ li l-INAC tiżviluppa iktar il-kapaċità ta' spezzjoni tagħha fir-rigward tal-kumpaniji tal-ajru li hija responsabbli għalihom.

(77) Matul is-seduta ta' smigħ, *Avior Airlines* għarrfet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru dwar il-miżuri korrettivi li ttieħdu sabiex jiġi indirizzat it-tħassib serju identifikat mill-EASA bħala parti mill-valutazzjoni tal-awtorizzazzjoni tat-TCO tagħha, bħall-kontroll tal-ajrunavigabbiltà u tal-manutenzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà u s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza u tal-kwalità. Madankollu, *Avior Airlines* wriet nuqqas ċar ta' għarfien u komprensjoni dwar is-serjetà tat-tħassib dwar is-sikurezza mqajjem mill-EASA u identifikat mill-Istati Membri permezz ta' spezzjoni fir-rampa. Barra minn hekk, il-miżuri meħuda minn *Avior Airlines* juru nuqqas ta' analiżi xierqa tal-kawżi ewlenin u nuqqas ta' pjanijiet ta' azzjoni korrettiva xierqa biex ma jerġax ikun hemm l-istess nuqqasijiet ta' konformità li wasslu għal dan it-tħassib jew oħrajn simili.

(78) L-informazzjoni disponibbli fil-preżent, ibbażata fuq is-sejbiet tal-valutazzjoni tal-awtorizzazzjoni tat-TCO tal-EASA, fuq l-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Istati Membri u fuq l-informazzjoni ppreżentata mill-INAC u minn *Avior Airlines*, turi li hemm evidenza ċara ta' nuqqasijiet ta' sikurezza serji min-naħa ta' *Avior Airlines*. L-informazzjoni turi wkoll li *Avior Airlines* mhijiex kapaċi tindirizza dawk in-nuqqasijiet ta' sikurezza, kif muri, *inter alia* mill-pjan ta' azzjoni korrettiva mhux adatt u mhux suffiċjenti li ppreżentat bħala tweġiba għas-sejbiet tal-EASA u n-nuqqas ta' tweġiba adegwata għas-sejbiet tal-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Istati Membri.

(79) Għalhekk, f'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li jenħtieġ li l-lista tal-kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni tiġi emendata biex tinkludi l-kumpanija tal-ajru *Avior Airlines* fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(80) L-Istati Membri jridu jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jitwettqu fuq il-kumpaniji tal-ajru li ġew iċċertifikati fil-Venezwela, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(81) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-standards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni, il-Kummissjoni tista' tkun obbligata tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(82) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(83) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness A jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness B jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2017.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Violeta BULC
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

"*ANNESS A*

**LISTA TA' KUMPANIJI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET** [1]

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *AVIOR AIRLINES* | ROI-RNR-011 | ROI | Il-Venezwela |
| *BLUE WING AIRLINES* | SRBWA-01/2002 | BWI | Is-Suriname |
| *IRAN ASEMAN AIRLINES* | FS-102 | IRC | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran |
| *IRAQI AIRWAYS* | 001 | IAW | L-Iraq |
| *MED-VIEW AIRLINE* | MVA/AOC/10-12/05 | MEV | In-Niġerja |
| *AIR ZIMBABWE (PVT) LTD* | 177/04 | AZW | Iż-Żimbabwe |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan** |
| *AFGHAN JET INTERNATIONAL AIRLINES* | AOC 008 | AJA | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| *ARIANA AFGHAN AIRLINES* | AOC 009 | AFG | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| *EAST HORIZON AIRLINES* | AOC 1013 | EHN | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| *KAM AIR* | AOC 001 | KMF | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| *SAFI AIRWAYS* | AOC 181 | SFW | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *TAAG Angola Airlines* li jinsabu fl-Anness B, fosthom** | | | **Ir-Repubblika tal-Angola** |
| *AEROJET* | AO 008-01/11 | TEJ | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *AIR GICANGO* | 009 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *AIR JET* | AO 006-01/11-MBC | MBC | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *AIR NAVE* | 017 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *AIR26* | AO 003-01/11-DCD | DCD | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *ANGOLA AIR SERVICES* | 006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |

[1] Il-kumpaniji tal-ajru elenkati fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ minghand kumpanija tal-ajru li mhijiex soġġetta għal restrizzjonijiet operattivi, diment li jitħarsu l-istandards tas-sikurezza rilevanti.

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *DIEXIM* | 007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *FLY540* | AO 004-01 FLYA | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *GIRA GLOBO* | 008 | GGL | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *HELIANG* | 010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *HELIMALONGO* | AO 005-01/11 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *MAVEWA* | 016 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *SONAIR* | AO 002-01/10-SOR | SOR | Ir-Repubblika tal-Angola |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Kongo responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Ir-Repubblika tal-Kongo** |
| *AERO SERVICE* | RAC06-002 | RSR | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| *CANADIAN AIRWAYS CONGO* | RAC06-012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| *EMERAUDE* | RAC06-008 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| *EQUAFLIGHT SERVICES* | RAC 06-003 | EKA | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| *EQUAJET* | RAC06-007 | EKJ | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| *EQUATORIAL CONGO AIRLINES S.A.* | RAC 06-014 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| *MISTRAL AVIATION* | RAC06-011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| *TRANS AIR CONGO* | RAC 06-001 | TSG | Ir-Repubblika tal-Kongo |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (DRC) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)** |
| *AIR FAST CONGO* | 409/CAB/MIN/ TVC/0112/2011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *AIR KASAI* | 409/CAB/MIN/ TVC/0053/2012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *AIR KATANGA* | 409/CAB/MIN/ TVC/0056/2012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *AIR TROPIQUES* | 409/CAB/MIN/ TVC/00625/2011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *BLUE AIRLINES* | 106/CAB/MIN/TVC/ 2012 | BUL | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *BLUE SKY* | 409/CAB/MIN/ TVC/0028/2012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *BUSY BEE CONGO* | 409/CAB/MIN/ TVC/0064/2010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)* | 409/CAB/MIN/TVC/0050/2012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *CONGO AIRWAYS* | 019/CAB/MIN/TVC/2015 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *DAKOTA SPRL* | 409/CAB/MIN/TVC/071/2011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *DOREN AIR CONGO* | 102/CAB/MIN/TVC/2012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *GOMAIR* | 409/CAB/MIN/TVC/011/2010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *KIN AVIA* | 409/CAB/MIN/TVC/0059/2010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *KORONGO AIRLINES* | 409/CAB/MIN/TVC/001/2011 | KGO | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *MALU AVIATION* | 098/CAB/MIN/TVC/2012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *MANGO AIRLINES* | 409/CAB/MIN/TVC/009/2011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *SERVE AIR* | 004/CAB/MIN/TVC/2015 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *SERVICES AIR* | 103/CAB/MIN/TVC/2012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *SWALA AVIATION* | 409/CAB/MIN/TVC/0084/2010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *TRANSAIR CARGO SERVICES* | 409/CAB/MIN/TVC/073/2011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| *WILL AIRLIFT* | 409/CAB/MIN/TVC/0247/2011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Djibouti responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Il-Djibouti** |
| *DAALLO AIRLINES* | Mhux magħruf | DAO | Il-Djibouti |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Il-Guinea Ekwatorjali** |
| *CEIBA INTERCONTINENTAL* | 2011/0001/MTTCT/DGAC/SOPS | CEL | Il-Guinea Ekwatorjali |

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *CRONOS AIRLINES* | 2011/0004/MTTCT/DGAC/SOPS | Mhux magħruf | Il-Guinea Ekwatorjali |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Eritrea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **L-Eritrea** |
| *ERITREAN AIRLINES* | AOC No 004 | ERT | L-Eritrea |
| *NASAIR ERITREA* | AOC No 005 | NAS | L-Eritrea |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Gaboniża responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *Afrijet* u *SN2AG* li jinsabu fl-Anness B, fosthom** | | | **Ir-Repubblika Gaboniża** |
| *AFRIC AVIATION* | 010/MTAC/ANAC-G/DSA | EKG | Ir-Repubblika Gaboniża |
| *ALLEGIANCE AIR TOURIST* | 007/MTAC/ANAC-G/DSA | LGE | Ir-Repubblika Gaboniża |
| *NATIONALE REGIONALE TRANSPORT (N.R.T)* | 008/MTAC/ANAC-G/DSA | NRG | Ir-Repubblika Gaboniża |
| *SKY GABON* | 009/MTAC/ANAC-G/DSA | SKG | Ir-Repubblika Gaboniża |
| *SOLENTA AVIATION GABON* | 006/MTAC/ANAC-G/DSA | SVG | Ir-Repubblika Gaboniża |
| *TROPICAL AIR-GABON* | 011/MTAC/ANAC-G/DSA | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Gaboniża |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Indonežja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *Garuda Indonesia, Airfast Indonesia, Ekspres Transportasi Antarbenua, Indonesia Air Asia, Citilink, Lion Air u Batik Air*, fosthom** | | | **Ir-Repubblika tal-Indonežja** |
| *AIR BORN INDONESIA* | 135-055 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *AIR PACIFIC UTAMA* | 135-020 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *ALDA TRANS PAPUA* | 135-056 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *ALFA TRANS DIRGANTARA* | 135-012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *AMA* | 135-054 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *ANGKASA SUPER SERVICE* | 135-050 | LBZ | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *ASI PUDJIASTUTI* | 135-028 | SQS | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *AVIASTAR MANDIRI* | 135-029 | VIT | Ir-Repubblika tal-Indonežja |

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *DABI AIR NUSANTARA* | 135-030 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *DERAYA AIR TAXI* | 135-013 | DRY | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *DERAZONA AIR SERVICE* | 135-010 | DRZ | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *EASTINDO* | 135-038 | ESD | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *ELANG LINTAS INDONESIA* | 135-052 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *ELANG NUSANTARA AIR* | 135-053 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *ENGGANG AIR SERVICE* | 135-045 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *ERSA EASTERN AVIATION* | 135-047 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *GATARI AIR SERVICE* | 135-018 | GHS | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *HEVILIFT AVIATION* | 135-042 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *INDONESIA AIR ASIA EXTRA* | 121-054 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *INDONESIA AIR TRANSPORT* | 121-034 | IDA | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *INDO STAR AVIATION* | 135-057 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *INTAN ANGKASA AIR SERVICE* | 135-019 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *JAYAWIJAYA DIRGANTARA* | 121-044 | JWD | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *JOHNLIN AIR TRANSPORT* | 135-043 | JLB | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *KAL STAR AVIATION* | 121-037 | KLS | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *KARTIKA AIRLINES* | 121-003 | KAE | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *KOMALA INDONESIA* | 135-051 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *KURA-KURA AVIATION* | 135-016 | KUR | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *MARTA BUANA ABADI* | 135-049 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *MATTHEW AIR NUSANTARA* | 135-048 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *MIMIKA AIR* | 135-007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *MY INDO AIRLINES* | 121-042 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *NAM AIR* | 121-058 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *NATIONAL UTILITY HELICOPTER* | 135-011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *NUSANTARA AIR CHARTER* | 121-022 | SJK | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *PEGASUS AIR SERVICES* | 135-036 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *PELITA AIR SERVICE* | 121-008 | PAS | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *PENERBANGAN ANGKASA SEMESTA* | 135-026 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *PURA WISATA BARUNA* | 135-025 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *RIAU AIRLINES* | 121-016 | RIU | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *SAYAP GARUDA INDAH* | 135-004 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *SMAC* | 135-015 | SMC | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *SPIRIT AVIATION SENTOSA* | 135-058 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *SRIWIJAYA AIR* | 121-035 | SJY | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *SURYA AIR* | 135-046 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *TRANSNUSA AVIATION MANDIRI* | 121-048 | TNU | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *TRANSWISATA PRIMA AVIATION* | 135-021 | TWT | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *TRAVEL EXPRESS AVIATION SERVICE* | 121-038 | XAR | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *TRAVIRA UTAMA* | 135-009 | TVV | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *TRI MG-INTRA ASIA AIRLINES* | 121-018 | TMG | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *TRI MG-INTRA ASIA AIRLINES* | 135-037 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *TRIGANA AIR SERVICE* | 121-006 | TGN | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *UNINDO* | 135-040 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *WESTSTAR AVIATION INDONESIA* | 135-059 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| *WING ABADI AIRLINES* | 121-012 | WON | Ir-Repubblika tal-Indonežja |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Ir-Repubblika Kirgiża** |
| *AIR BISHKEK (ex EASTOK AVIA)* | 15 | EAA | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *AIR MANAS* | 17 | MBB | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *AVIA TRAFFIC COMPANY* | 23 | AVJ | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *CENTRAL ASIAN AVIATION SERVICES (CAAS)* | 13 | CBK | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *HELI SKY* | 47 | HAC | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *AIR KYRGYZSTAN* | 03 | LYN | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *MANAS AIRWAYS* | 42 | BAM | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *S GROUP INTERNATIONAL (ex S GROUP AVIATION)* | 45 | IND | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *SKY BISHKEK* | 43 | BIS | Ir-Repubblika Kirgiża |

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *SKY KG AIRLINES* | 41 | KGK | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *SKY WAY AIR* | 39 | SAB | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *TEZ JET* | 46 | TEZ | Ir-Repubblika Kirgiża |
| *VALOR AIR* | 07 | VAC | Ir-Repubblika Kirgiża |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja.** | | | **Il-Liberja** |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Il-Libja** |
| *AFRIQIYAH AIRWAYS* | 007/01 | AAW | Il-Libja |
| *AIR LIBYA* | 004/01 | TLR | Il-Libja |
| *BURAQ AIR* | 002/01 | BRQ | Il-Libja |
| *GHADAMES AIR TRANSPORT* | 012/05 | GHT | Il-Libja |
| *GLOBAL AVIATION AND SERVICES* | 008/05 | GAK | Il-Libja |
| *LIBYAN AIRLINES* | 001/01 | LAA | Il-Libja |
| *PETRO AIR* | 025/08 | PEO | Il-Libja |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Ir-Repubblika tan-Nepal** |
| *AIR DYNASTY HELI. S.* | 035/2001 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *AIR KASTHAMANDAP* | 051/2009 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *BUDDHA AIR* | 014/1996 | BHA | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *FISHTAIL AIR* | 017/2001 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *GOMA AIR* | 064/2010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *HIMALAYA AIRLINES* | 084/2015 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *MAKALU AIR* | 057 A/2009 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *MANANG AIR PVT LTD* | 082/2014 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *MOUNTAIN HELICOPTERS* | 055/2009 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *MUKTINATH AIRLINES* | 081/2013 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *NEPAL AIRLINES CORPORATION* | 003/2000 | RNA | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *SAURYA AIRLINES* | 083/2014 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *SHREE AIRLINES* | 030/2002 | SHA | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *SIMRIK AIR* | 034/2000 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *SIMRIK AIRLINES* | 052/2009 | RMK | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *SITA AIR* | 033/2000 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *TARA AIR* | 053/2009 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| *YETI AIRLINES DOMESTIC* | 037/2004 | NYT | Ir-Repubblika tan-Nepal |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' São Tomé u Príncipe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **São Tomé u Príncipe** |
| *AFRICA'S CONNECTION* | 10/AOC/2008 | ACH | São Tomé u Príncipe |
| *STP AIRWAYS* | 03/AOC/2006 | STP | São Tomé u Príncipe |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Sierra Leone** |
| *AIR RUM, LTD* | Mhux magħruf | RUM | Sierra Leone |
| *DESTINY AIR SERVICES, LTD* | Mhux magħruf | DTY | Sierra Leone |
| *HEAVYLIFT CARGO* | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Sierra Leone |
| *ORANGE AIR SIERRA LEONE LTD* | Mhux magħruf | ORJ | Sierra Leone |
| *PARAMOUNT AIRLINES, LTD* | Mhux magħruf | PRR | Sierra Leone |
| *SEVEN FOUR EIGHT AIR SERVICES LTD* | Mhux magħruf | SVT | Sierra Leone |
| *TEEBAH AIRWAYS* | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Sierra Leone |
| **Il-kumpaniji tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, fosthom** | | | **Ir-Repubblika tas-Sudan** |
| *ALFA AIRLINES SD* | 54 | AAJ | Ir-Repubblika tas-Sudan |

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") jew tal-Liċenzja tal-Operat | Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| *BADR AIRLINES* | 35 | BDR | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *BLUE BIRD AVIATION* | 11 | BLB | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *ELDINDER AVIATION* | 8 | DND | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *GREEN FLAG AVIATION* | 17 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *HELEJETIC AIR* | 57 | HJT | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *KATA AIR TRANSPORT* | 9 | KTV | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *KUSH AVIATION CO.* | 60 | KUH | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *NOVA AIRWAYS* | 46 | NOV | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *SUDAN AIRWAYS CO.* | 1 | SUD | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *SUN AIR* | 51 | SNR | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| *TARCO AIR* | 56 | TRQ | Ir-Repubblika tas-Sudan" |

*ANNESS II*

"*ANNESS B*

**LISTA TA' KUMPANIJI TAL-AJRU LI HUMA SUĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERATTIVI FL-UNJONI** [1]

| Isem l-entità legali tal-kumpanija tal-ajru kif muri fuq l-AOC tagħha (u l-isem kummerċjali tagħha, jekk dan ikun differenti) | In-numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("l-AOC") | Deżinjatur bi tliet ittri tal-ICAO | L-istat tal-Operatur | It-tip ta' inġenju tal-ajru li huwa suġġett għal restrizzjoni | Il-marka jew il-marki tar-reġistrazzjoni u, meta jkun disponibbli, in-numru jew in-numri tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru li huwa suġġett għal restrizzjoni | L-istat tar-reġistrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *TAAG ANGOLA AIRLINES* | 001 | DTA | Ir-Repubblika tal-Angola | Il-flotta kollha ħlief għal: inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B737-700, inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-200, inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-300 u inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B777-300ER. | Il-flotta kollha ħlief għal: inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B737-700, kif jissemma fl-AOC; inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-200, kif jissemma fl-AOC; inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-300, kif jissemma fl-AOC; u inġenji tal-ajru fil-flotta tal-Boeing B777-300ER, kif jissemma fl-AOC. | Ir-Repubblika tal-Angola |
| *AIR SERVICE COMORES* | 06-819/ TA-15/ DGACM | KMD | Comoros | Il-flotta kollha ħlief għal: LET 410 UVP. | Il-flotta kollha ħlief għal: D6-CAM (851336). | Comoros |
| *AFRIJET BUSINESS SERVICE* [1] | 002/ MTAC/ ANAC-G/ DSA | ABS | Ir-Repubblika Gaboniża | Il-flotta kollha ħlief għal: 2 inġenji tal-ajru tat-tip Falcon 50, 2 inġenji tal-ajru tat-tip Falcon 900. | Il-flotta kollha ħlief għal: TR-LGV; TR-LGY; TR-AFJ; TR-AFR. | Ir-Repubblika Gaboniża |
| *NOUVELLE AIR AFFAIRES GABON (SN2AG)* | 003/ MTAC/ ANAC-G/ DSA | NVS | Ir-Repubblika Gaboniża | Il-flotta kollha ħlief għal: inġenju tal-ajru wieħed (1) tat-tip Challenger CL-601, inġenju tal-ajru wieħed (1) tat-tip HS-125-800. | Il-flotta kollha ħlief għal: TR-AAG, ZS-AFG. | Republic of Gabon; Ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel |
| *IRAN AIR* | FS100 | IRA | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran | L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747 | L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif jissemma fl-AOC; L-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif jissemma fl-AOC | Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran |
| *AIR KORYO* | GAC-AOC/ KOR-01 | KOR | Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea | Il-flotta kollha ħlief għal: 2 inġenji tal-ajru tat-tip TU- 204. | Il-flotta kollha ħlief għal: P-632, P-633. | Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea |

[1] Il-kumpanija Afrijet titħalla tuża biss l-inġenji tal-ajru speċifiċi msemmija għal-livell attwali ta' operazzjonijiet tagħha fl-Unjoni."

[1] Il-kumpaniji tal-ajru mniżżlin fl-Anness B jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand kumpanija tal-ajru li mhix suġġetta għal restrizzjonijiet operattivi, sakemm jitħarsu l-istandards rilevanti tas-sikurezza.